

Brussell, 25 ta' April 2022
(OR. en)

8416/22

AGRI 160
WTO 70
DELECT 68

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' April 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 2464 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 25.4.2022 li jemenda r-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-definizzjoni tal-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola u r-rekwiżiti għalih

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2022) 2464 final.

Mehmuż: C(2022) 2464 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.4.2022
C(2022) 2464 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 25.4.2022

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward tad-definizzjoni tal-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola u r-rekwiżiti għalih**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Id-definizzjoni tal-alkoħol etiliku ta' orġini agrikola u r-rekwiżiti għalih ma nbidlux b'mod sostanzjali matul ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 u d-definizzjoni u r-rekwiżiti kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/787 attwali dwar ix-Xorb Spirituż huma skaduti mill-lat tekniku/xjentifiku u ma għadhomx jikkorrispondu mal-parametri tekniċi applikati bħalissa mill-produtturi tal-Unjoni u mill-biċċa l-kbira tal-laboratorji tal-analiżi.

Għaldaqstant, l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/787, li jipprevedi d-definizzjoni tal-alkoħol etiliku ta' orġini agrikola u r-rekwiżiti għalih, jeħtieġ li jiġi emendat biex daww il-parametri tekniċi jinġiebu jaqblu ma' daww li attwalment qegħdin jintużaw mill-industrija.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Ir-rappreżentanti tal-industrija indikaw lill-Kummissjoni li d-definizzjoni tal-alkoħol etiliku ta' orġini agrikola u r-rekwiżiti eżistenti għalih ma għadhomx jikkonformaw mal-parametri tekniċi li jintużaw bħalissa fil-produzzjoni.

Twettqu konsultazzjonijiet li jinvolvu esperti mis-27 Stat Membru kollha bħala thejjiġa għal-laqqgħat tal-Grupp ta' Esperti għall-Organizzazzjoni Komuni għal Swieq Agrikoli – Xorb Spirituż, li saru (virtwalment) fit-28 ta' April, fid-29 ta' Ġunju, fit-12 ta' Ottubru u fit-30 ta' Novembru 2021, u baqgħu għaddejjin anki matulhom. Dan il-proċess ta' konsultazzjoni wassal biex intlaħaq kunsens wiesa' dwar l-abbozz tar-Regolament Delegat.

Ġie nnutat li kien hemm kunsens fost il-biċċa l-kbira tan-nies waqt il-konsultazzjoni pubblika ġenerali li matulha saret il-pubblikazzjoni tal-abbozz tar-regolament delegat dwar il-Portal Regolamentazzjoni Aħjar mill-21 ta' Frar sal-21 ta' Marzu 2022 fejn waslu lura żewġ kummenti. Daww il-kummenti b'mod ewlieni jesprimu t-tħassib fuq il-limitu propost għal furfural u jissuġġerixxu li jinżammu l-parametri l-oħrajn li hemm bħalissa fis-seħħ. Madanakollu, il-kummenti ma jwasslux għat-tibdil tal-limiti proposti peress li daww il-limiti huma bbażati fuq l-opinjoni xjentifika tal-EFSA u huma kkonfermati mill-għarfien u mill-esperjenza tal-industrija.

Is-shab tad-WTO ġew innotifikati.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-att delegat huwa msejjes fuq l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2019/787 u jikkonċerna biss dispożizzjoni li l-Kummissjoni nġhatat is-setgħa li temenda skont il-paragrafu msemmi. Jenħtieġ li dan jiġi adottat permezz tal-proċedura skont l-Artikolu 46(8) tar-Regolament (UE) 2019/787.

L-att delegat huwa strettament limitat biex jissodisfa l-ħtiġijiet murija li jirriżultaw mill-progress teknoloġiku li qed jevolvi, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2019/787.

Artikolu 1: Dan l-Artikolu jipprevedi l-emenda tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/787, li jipprevedi d-definizzjoni tal-alkoħol etiliku ta' orġini agrikola u r-rekwiżiti għalih.

Artikolu 2: Dan l-Artikolu jipprevedi d-dħul fis-seħħ tal-emenda prevista fl-Artikolu 1.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 25.4.2022

li jemenda r-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-definizzjoni tal-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola u r-rekwiżiti għalih

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/787 jipprevedi d-definizzjoni tal-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola, li l-industrija tgħidlu wkoll alkoħol agrikolu, alkoħol newtrali jew alkoħol rettifikat, u r-rekwiżiti għalih. Dik id-definizzjoni teknika u dawk ir-rekwiżiti ġew riportati mingħajr ebda bidla sostanzjali minn dawk stabbiliti fil-punt 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².
- (2) Madankollu, id-definizzjoni tal-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola u r-rekwiżiti għalih previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/787 huma parzjalment skaduti mil-lat tekniku u xjentifiku. B'mod partikolari, il-livelli massimi ta' ċerti residwi jeħtieġ li jinġiebu f'konformità mal-parametri tekniċi użati bħalissa mill-industrija u mill-biċċa l-kbira tal-laboratorji tal-analiżi. Għalhekk, il-progress teknoloġiku f'dan il-qasam jiġġustifikaw il-ħtieġa ta' dik id-definizzjoni u dawk ir-rekwiżiti jiġu emendati.
- (3) Ir-referenzi għal "aċidità totali", "bażijiet volatili li fihom in-nitroġenu" u "estratt niexef" previsti fl-Artikolu 5(d)(i), (vi) u (vii) tar-Regolament (UE) 2019/787 ma għadhomx rilevanti peress li normalment ma jintużawx bħala parametri tekniċi tal-proċessi, minħabba li l-preżenza ta' tali residwi f'alkoħol b'saħħa ta' 96 % skont il-volum hija negliġibbli u x'aktarx ma tinstabx fl-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola.
- (4) Fir-rigward tal-"esteri", tal-"aldeidi" u tal-"alkoħols oġhla", il-livelli massimi previsti fl-Artikolu 5(d)(ii), (iii) u (iv) tar-Regolament (UE) 2019/787 huma nieqsa mill-ispeċifiċità u bħalissa jirrikjedu metodi mxarrba tal-kimika, li mhumiex iddefiniti fid-dritt tal-Unjoni. Definizzjoni aktar preċiża tas-sustanzi li għalihom japplikaw il-limiti tar-residwi tista' ttejjeb ir-riżultati tal-analiżijiet li jridu jitwettqu fuq l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola b'metodi bħall-kromatografija b'fażi gassuża, u tkun ta' benefiċċju

¹ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1.

² Ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89, (ĠU L 39, 13.2.2008, p. 16).

għall-analisti peress li ħafna mit-tekniki ta' analiżi aktar antiki jeħtieġu l-użu ta' sustanzi kimiċi perikolużi.

- (5) B'mod partikolari, huwa xieraq li l-esteri jiġu limitati għall-“aċetat etiliku” biss. Filwaqt li ħafna esterji jistgħu jiġu fformati fil-proċess ta' fermentazzjoni, dak li jeżisti fl-ogħla konċentrazzjoni huwa l-aċetat etiliku, filwaqt li l-esteri l-oħra li jistgħu jkunu preżenti fl-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola x'aktarx li ma jkunux jistgħu jiġu detetti bl-użu ta' tekniki analitiċi standard u l-kontribuzzjoni tagħhom għall-ammont totali tal-esteri huwa negliġibbli. Il-kejl tal-aċetat etiliku jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-metodu ta' referenza stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2870/2000³ peress li dan huwa metodu stabbilit li bħalissa qed jintuża għall-analiżi ta' għadd ta' xarbi spiritużi.
- (6) Bl-istess mod, l-aldeid ewlieni li jikkontribwixxi għall-aldeidi totali huwa l-“aċetaldeid”. Għalhekk huwa xieraq li jintuża biss l-aċetaldeid bħala l-parametru f'din id-determinazzjoni. Peress li l-aċetaldeid huwa f'ekwilibriju ma' 1,1 dietossietan, jiġifieri ż-żewġ molekuli huma t-tnejn preżenti u jikkonvertu waħda fl-oħra minħabba l-kundizzjonijiet fiżiċi kimiċi, jenħtieġ ukoll li tingħadd il-frazzjoni tal-aċetaldeid li tinsab fl-aċetal. Il-kejl tal-aċetaldeid għandu jkun ibbażat fuq il-metodu ta' referenza stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 2870/2000 peress li dan huwa metodu stabbilit li qed jintuża bħalissa għall-analiżi ta' għadd ta' xarbi spiritużi.
- (7) Wara l-fermentazzjoni jkun hemm preżenti ammonti sostanzjali ta' alkoħols oġhla. Madankollu, fl-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola jkun hemm preżenti ammont żgħir biss ta' alkoħols oġhla peress li l-alkoħols oġhla huma faċilment distillati minħabba l-punti tat-togħlija oġhla. Il-kejl tal-alkoħol oġhla għandu jkun ibbażat fuq il-metodu ta' referenza stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 2870/2000 peress li dan huwa metodu stabbilit li qed jintuża bħalissa għall-analiżi ta' għadd ta' xarbi spiritużi.
- (8) Fir-rigward tal-“furfural”, ir-rekwiżit attwali li ma huwiex detettabbli jirreferi għal metodu kimiku mxarrab li ma għadux jintuża fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, u b'hekk jipprevjeni metodi u riżultati ta' analiżi uniformi u ddefiniti. Peress li bħalissa ma hemm l-ebda metodu ta' referenza ddefinit għall-analiżi tal-furfural fl-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola, huwa xieraq li jiġi ddefinit limitu li jista' jinkiseb bil-metodi diversi li jintużaw bħalissa fil-biċċa l-kbira tal-laboratorji fl-Istati Membri, li huma aktar preċiżi mill-inklużjoni oriġinali ta' dak ir-rekwiżit. Il-kejl tal-furfural għandu jkun ibbażat fuq il-metodu tal-kromatografija likwida għall-komposti tal-injam stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 2870/2000.
- (9) Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' kompletzza u f'konformità mad-definizzjoni ta' distillat ta' oriġini agrikola stabbilita fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2019/787, huwa xieraq li jiġi previst li l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola jkun ir-riżultat tad-distillazzjoni, wara l-fermentazzjoni alkoħolika, ta' prodotti agrikoli.
- (10) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/787 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/787 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 5

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2870/2000 tad-19 ta' Diċembru 2000 li jistabbilixxi l-metodi Komunitarji ta' referenza għall-analiżi tax-xorb spirituż (ĠU L 333, 29.12.2000, p. 20).

Definizzjoni tal-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola u r-reqwiziti għalih

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola huwa likwidu li jikkonforma mar-reqwiziti li ġejjin:

- (a) ikun inkiseb permezz tal-fermentazzjoni alkoħolika, segwita mid-distillazzjoni tal-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-Trattat esklussivament;
- (b) ma jkollu l-ebda toġhma perċettibbli għajr dik tal-materja prima li tintuża fil-produzzjoni tiegħu;
- (c) is-saħħa alkoħolika minima tiegħu skont il-volum tkun ta' 96,0 %;
- (d) il-livelli massimi ta' residwi fih ma jeċċedux dan li ġej:
 - (i) aċetat etiliku: 1,3 grammi għal kull ettolitr ta' alkoħol ta' 100 % vol.;
 - (ii) aċetaldeid (it-total ta' etanal u 1,1-dietossietan): 0,5 grammi għal kull ettolitr ta' alkoħol ta' 100 % vol.;
 - (iii) alkoħols oġħla (it-total ta': propan-1-ol, butan-1-ol, butan-2-ol, 2-metilpropan-1-ol, 2-metilbutan- 1-ol u 3-metilbutan-1-ol): 0,5 grammi għal kull ettolitr ta' alkoħol ta' 100 % vol.;
 - (iv) metanol: 30 grammi għal kull ettolitr ta' alkoħol ta' 100 % vol.;
 - (v) furfural: 0,5 gramma għal kull ettolitr ta' alkoħol ta' 100 % vol.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25.4.2022

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*